# IS-SEBGĦA TA' ĠUNJU

# *SETTE GIUGNO*

**DISKORS**

**MILL-ONOREVOLI LOUIS GALEA**

***SPEAKER***

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

Kamra tad-Deputati

Malta

Disgħin sena ilu erbgħa minn ħutna Maltin – Karmenu Abela, Manwel Attard, Ġużeppi Bajada, u Wenzu Dyer – sfaw martri fil-ġrajjiet tas-Sebgħa ta' Ġunju, 1919, magħrufa storikament bħala s-*Sette Giugno*, storja politika tal-akbar importanza marbuta mal-iżvilupp tad-demokrazija parlamentari li l-poplu Malti u Għawdxi qed igawdi llum.

Il-poplu u l-mexxejja ta' dak iż-żmien kienu diġà fehmu li d-drittijiet u l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u kulturali ma setax iseħħ u jimxi 'l quddiem jekk mhux id f'id ma' ħmira politika msawra mill-Maltin għall-Maltin f'qafas ta' riforma kostituzzjonali. Id-drittijiet politiċi u dawk soċjali kienu, u huma, mhux biss komplimentari iżda dipendenti fuq xulxin għal ħajja diċenti u denja ta' poplu ħawtiel u kuraġġjuż bħall-poplu Malti.

Insibu li l-ġrajja tas-*Sette Giugno* hija ambjentata, fost taqlib politiku u soċjali f'Malta u barra minn Malta, f'dak li kien ilu jberren f'moħħ ħafna Maltin sa minn żmien sew qabel u li kristallizza fis-sejħa ta' Dott. Filippo Sceberras fit-23 ta' Novembru tal-1918 ħalli l-poplu jingħaqad f'*Assemblea Nazionale* u jitlob kostituzzjoni ġdida li tiftaħ it-triq għat-twettiq tal-aspirazzjonijiet leġittimi tal-Maltin.

Din is-sejħa ma waqgħetx fuq widnejn torox tant li fil-25 ta' Frar tal-1919 l-Assemblea Nazzjonali bdiet tiltaqa', fost aġitazzjoni u inkwiet politiku popolari, fiċ-*Circolo "La Giovine Malta"*, li tiegħu Nerik Mizzi kien president. L-Assemblea ddeċidiet li tibgħat riżoluzzjoni lill-Gvern Ingliż b'talba impazzjenti biex Malta tingħata l-awtonomija politika u amministrattiva. Il-ġurnali ta' dak iż-żmien jagħtuna stampa ta' pajjiż maħkum minn despotiżmu militari u burokrazija tirannika tal-membri uffiċjali tal-gvern kolonjali. Il-kondizzjoni soċjali tal-poplu in ġenerali u tal-ħaddiema in partikolari kienet waħda tassew imwieghra.

Minkejja r-rikonoxximent da parti tal-Prim Ministru Ingliż Lloyd George tas-servizzi tal-akbar valur li l-Maltin irrendew tul il-gwerra "għall-fidwa tal-umanità", moħħ u qalb il-poplu kienu 'l bogħod sew miċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qed jiġu mħejjija fl-okkażjoni tat-tmiem tal-ewwel gwerra dinjija u l-ftehim ta' paċi li segwa bejn nazzjonijiet involuti tant li dawn ġew bojkottati fuq inizjattiva tal-*Comitato Patriottico*. Bħallikieku l-problemi ta' għoli ta' ħajja, sensji u qagħad, skarsezzi ta' ikel, ċensura, u skuntentizza politika ma kenux biżżejjed, l-awtoritajiet riedu wkoll tibdil fil-kurrikulu u fl-istatut tal-Università li wasslu lill-istudenti Universitarji jingħaqdu mal-protagonisti ta' dawn il-ġrajjiet.

Fis-7 ta' Ġunju, 1919, ġiet imsejħa t-tieni laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali fil-*La Giovine Malta*, hawn fil-Belt Valletta. Bdiet tinġabar il-folla u sa wara nofsinhar il-qiegħa saħnet sew. Segwew irvellijiet u diversi inċidenti vjolenti li wasslu għall-konfront imdemmi mat-truppi Ingliżi armati li fih ħallew ħajjithom numru ta' Maltin b'ħafna oħrajn korruti. L-ebda barrani dak in-nhar ma nqatel jew safa' korrut serjament.

Dawn kienu l-ġrajjiet li sfurzaw u xprunaw il-Gvern Kolonjali Ingliż biex fl-1921 ikkonċeda lill-Maltin il-kostituzzjoni ta' gvern responsabbli (*self-government*) li bis-saħħa tagħha ġiet kostitwita l-Assemblea Leġislattiva, magħmula minn erba' deputati eletti minn kull wieħed minn tmien distretti elettorali, bi *Speaker* u Deputat *Speaker*. Il-Gvern kellu jkun magħmul minn Kabinett ta' Ministri b'kap li jkun Prim Ministru. Kien hemm ukoll Senat li kien jikkonsisti f'għaxar membri speċjali rappreżentanti ta' gruppi soċjali u ekonomiċi differenti u seba' membri ġenerali. It-tmexxija ta' Malta ġiet fdata lil diarkija bejn il-Gvern Malti, b'ġurisdizzjoni fuq materji purament lokali, u l-Gvern Imperjali Ingliż, b'ġurisdizzjoni fuq sensiela estensiva ta' materji riservati.

Lil hinn mill-kontroversja tal-merti u d-demerti ta' din il-Kostituzzjoni, jibqa' l-fatt storiku li l-politiċi Maltin setgħu għall-ewwel darba jerfgħu responsabilità, b'ċerti setgħat f'idejhom, tat-tmexxija ta' diversi aspetti domestiċi ta' pajjiżna, u li f'dawn il-ħwejjeġ isegwu direzzjoni politika

kif indikat fil-manifesti elettorali sottomessi fil-kors ta' elezzjonijiet fost l-elettorat Malti u Għawdxi ta' dak iż-żmien. Dawn il-ġrajjiet issiġillaw ir-rieda tal-poplu li jissielet sabiex is-sentimenti ta' nazzjonaliżmu koltivati mill-moviment politiku nazzjonalista sa minn żmien sew qabel jiġu tradotti f'pajjiż nazzjon u sovran. Dan kien ukoll iż-zmien li ra jitpoġġew is-sisien tal-moviment tal-ħaddiema u laburista.

Ferħan b'dimostrazzjoni li saret biswit id-dar tiegħu bħala ċelebrazzjoni tal-kisba tal-gvern responsabbli, Sir Filippo Sceberras appella lill-folla li issa wasal iż-żmien biex il-partiti kollha jwarrbu d-differenzi politiċi u jħaddmu l-kostituzzjoni l-ġdida fi spirtu ta' lealtà mibnija fuq l-imħabba għal pajjiżna. Appell ta' patrijott Malti li għadu rilevanti llum daqskemm kien meħtieġ disgħin sena ilu.

Ħsibna li nfakkru l-ġrajjiet tas-Sebgħa ta' Ġunju llum, jumejn qabel, peress li għada l-poplu Malti u Għawdxi hu msejjaħ biex jeleġġi r-rappreżentanti tiegħu fil-Parlament Ewropew u f'numru ta' Kunsilli Lokali. Dawn huma elezzjonijiet li minnhom infushom jixhdu l-progress kostituzzjonali enormi li seħħ fil-mixja ta' żvilupp politiku tul dawn id-disgħin sena.

L-appell sinċier u ġenwin ta' Sir Filippo Sceberras irid jinftiehem fid-dawl ta' kif żviluppat id-demokrazija u l-istituzzjonijiet u l-partiti politiċi li sostnewha tul is-seklu l-ieħor u s'issa. M'għandix dubju li anke Sir Filippo kien konxju li l-kontroversja, u f'ċerti ċirkostanzi l-konflitt, dwar ideat, valuri u direzzjonijiet huma parti min-natura tas-soċjetà. Il-ħsieb dejjem kien li jiġu koltivati l-partiti politiċi preċiżament bħala mekkaniżmu razzjonali li permezz tagħhom is-soċjetà tkun tista' tinkanala l-opinjonijiet differenti b'manjera kemm jista' jkun ċivili fi ħdan ordni kostituzzjonali li jissalvagwardja l-libertà, id-demokrazija, il-ġustizzja biex jisseddaq aktar il-ġid komuni.

F'ġurnata ta' riflessjoni lejlet elezzjoni nħoss li għandi biss l-ewwelnett insellem lill-Maltin u l-Għawdxin kollha, f'kull klassi soċjali u professjonali, li tul iż-żmien ħolmu f'nazzjon Malti, sovran, indipendenti, ħieles u demokratiku, li stinkaw, batew u xerrdu demmhom

biex assiguraw għall-ġenerazzjonijiet tagħna llum u ta' għada tgawdija ta' ħajja ta' kwalità f'qafas ta' libertà u ġustizzja.

Insellem ukoll lil dawk kollha li ħadmu u nisslu l-għaqdiet tal-ħaddiema li mhux biss iddefendew id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema u l-familji tagħhom iżda wkoll għarfu jissieħbu fil-proċessi ta' żvilupp li nidew gvernijiet Maltin differenti biex illum il-poplu tagħna seta' jwettaq qabżiet kbar ta' kwalità fl-għixien tiegħu.

Insellem lil min tul iż-żmien iddedika ħajtu u ġidu biex ikattar ix-xogħol f'pajjiżna, l-investituri kollha, imma b'mod partikolari dawk Maltin u Għawdxin, li ħaddmu u qed iħaddmu eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin.

Insellem lil dawk li fis-Servizz Pubbliku, fil-Ġudikatura, fl-Armata u fil-Pulizija tul is-snin qdew dmirhom b'impenn, effiċjenza u integrità, kien min kien fil-gvern, u li kienu s-sinsla ta' amministrazzjoni li għarfet mhux biss tisgiċċa mill-ħakma kolonjali mingħajr ebda tixrid ta' demm, talli kienet essenzjali biex Malta setgħet tibda u ssegwi t-triq tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħha u tieħu postha b'dinjità u bi frott fost ġnus.

Insellem lil dawk l-eluf ta' Maltin u Għawdxin li f'għaqdiet volontarji ta' kull ġens u fil-Knisja tul iż-żmien, b'sagrifiċċji kbar, ħadmu għall-ġid materjali, fiżiku, ambjentali, edukattiv, kulturali u spiritwali tal-poplu tagħna.

Fl-aħħarnett insellem lil dawk li qabilna u issa għażlu li jiddedikaw ħajjithom fil-ħidma politika u li bit-tmexxija tagħhom il-poplu tagħna għaraf jagħmel dawk l-għażliet li ħass fl-aħjar interess tiegħu u ta' pajjiżna fil-mument biex Malta mhux biss ħadet rgħajja f'idejha imma wkoll ħadet postha b'dinjità u suċċess fl-Unjoni Ewropea.

Wasalna s'hawn bit-tħabrik u s-sagrifiċċji ta' ħafna mexxejja, u ta' l-eluf ta' Maltin u Għawdxin li mxew warajhom. Minkejja l-episodji ta' żbalji li wettaqna fuq kull naħa tal-ispettru politiku minn żmien għal

żmien, nemmen li l-aspirazzjonijiet li mmotivaw il-ġrajjiet tas-Sebgħa ta' Ġunju ntlaħqu fil-milja tagħhom, u f'miżura ta' suċċess li forsi ħadd dak iż-żmien ma kien joħlom li kienet possibbli.

Iżda llum ilkoll qed ngħixu f'dinja u ħajja totalment differenti, b'ġenerazzjonijiet fil-poplu tagħna li, għal grazzja t'Alla, issawru fi żmenijiet ta' sliem, li ftit li xejn jafu x'iġifieri l-ġuħ u l-għaks, bil-bibien ġeneralment ugwalment miftuħa għall-edukazzjoni, saħħa u xogħol, b'qafas ta' servizzi soċjali ħafna minnhom b'tifsila personali, u f'ambjent ta' splużjoni ta' mezzi ġodda ta' komunikazzjoni disinjati u mibnija skond it-teknoloġija rivoluzzjonarja tal-informatika u l-elettronika. F'din id-dinja il-proċess ta' bidla kontinwa biss hu ċert, fenomenu li minnu nniffsu joħloq l-inċertezza, li llum hi komplikata sew mill-kriżijiet internazzjonali fl-oqsma ekonomiċi, finanzjarji, ambjentali u mill-gwerer u konflitti f'ħafna partijiet tad-dinja li qed iġibu magħhom migrazzjoni ta' popolazzjoni ta' bnedmin lejn kull naħa fejn jaħsbu li jistgħu jsibu l-kenn u l-ħarsien.

Dan l-ambjent jimponi fuq kulħadd, b'mod partikolari fuq il-politiċi u l-parlamentari tagħna, sfidi serji u urġenti. Nemmen li kulħadd irid jaħdem biex insaħħu u nġeddu l-patt bejn iċ-ċittadini, ir-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament tagħna, fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsilli Lokali. Hekk kif urew il-ġrajjiet tas-Sebgħa ta' Ġunju, anke llum il-problemi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u s-soluzzjonijiet tagħhom huma minsuġa inseparabilment ma' viżjoni, valuri u strateġiji u programmi politiċi. Ikun żball min jaħseb li jista' jissodisfa d-diżillużjoni li jista' jħoss, għal xi raġuni jew oħra, ġustifikata jew mhix, billi jastjeni mill-vot jew billi jbarri l-politika. L-astensjoniżmu u l-irtira mill-impenn politiku ma joħolqux movimenti, iżda spazji vojta li jistgħu jimtlew minn min il-viżjoni u l-valuri tiegħu huma ta' ħsara għall-ġid komuni f'pajjiżna u fir-reġjun ewro-mediterranju tagħna.

Hu fid-dawl ta' dan il-bżonn li, hekk kif jgħaddu l-elezzjonijiet ta' għada, beħsiebni nintensifika d-djalogu u d-diskussjoni fi ħdan il-Kumitat Magħżul tal-Kamra bl-iskop li niksbu progress konkret fuq it-temi fdati lilu unanimament mill-Parlament stess. Mil-leġislazzjoni

li qed jiddiskuti l-Parlament bħalissa dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali nafu li mhux mistenni li l-poplu jiġi msejjaħ jivvota f'xi elezzjoni qabel sentejn oħra meta fl-2011 jerġa' jkun hemm elezzjoni biex jiġu eletti l-Kunsilli Lokali ta' parti mill-pajjiż taħt il-liġi l-ġdida. Nemmen li għandna nużaw sew dan il-perjodu liberu minn konsultazzjonijiet elettorali bl-iskop li bl-aħjar ekwanimità possibbli nwettqu d-djalogu bejn il-Parlamentari, partiti politiċi, u soċjetà ċivili sakemm insibu l-konsensus l-aktar wiesgħa possibbli fuq rakkomandazzjonijiet għal ħidma aktar effettiva tal-Parlament, għal aktar kontabbilità u trasparenza fit-tmexxija tal-Gvern, għal sitwazzjoni fis-servizzi tax-xandir li twassal biex il-poplu tagħna jkun informat aħjar, edukat, u mogħti gost u mistrieħ bi programmi popolari ta' kultura, arti u divertiment, u biex intejbu u nsaħħu l-qafas kostituzzjonali tagħna.

L-esperjenza u r-realtà juru li mhux il-każ ta' appelli biex il-partiti politiċi jwarrbu d-differenzi politiċi. Għal kuntrarju nemmen li l-partiti politiċi għandhom b'serjetà kbira jistrutturaw diskussjonijiet interni u pubbliċi biex jagħrfu aħjar min huma, x'inhuma, x'inhi l-viżjoni tagħhom għall-pajjiżna, liema huma l-għeruq tal-ħsieb u tal-valuri li jnebbħuhom, u kif l-aħjar jikkomunikaw mal-poplu l-alternattivi differenti li jistgħu jirrappreżentaw. Min-naħa l-oħra hemm lok ta' appell għal tiġdid tal-ispirtu u tal-qafas kostituzzjonali tagħna "fi spirtu ta' lealtà mibnija fuq l-imħabba għal pajjiżna".

Li b'mod ġenwin u konkret ilkoll u flimkien inwettqu dan l-appell, hu l-aqwa ġieħ u ħajr li nistgħu nroddu lill-martri tas-Sebgħa ta' Ġunju, u lil kull min bata biex aħna, uliedna u ulied uliedna ngawdu lil Malta kif kibret u staniet sal-lum.